# Ġrajja ta' Kelma

## ĊAJTA BLA DAĦK

Għandu l-kliem ukoll il-ġrajja tiegħu; ġrajja ħiemda jew imħabbta li tixbah ftit jew wisq lill-ħajja tal-bniedem. Xi kliem jitwieled, igħix, jixjieħ u jmut b'mewtu; kliem ieħor imut maqtul bla ħaqq minn kliem barrani, ħafna kliem igħaddi għomru kollu jaqdi ħteġijiet il-bniedem bla ma jfaħħru ħadd u bla ma jmaqdru ħadd; xi kliem mogħġub bla ma ħaqqu u xi kliem mistmell bla ma jaħti. U xi drabi wkoll il-kliem ikollu jbiddel lbiesu u jilbes mhux kif l-aktar jixraqlu imma kif l-aktar jogħġob lill-kittieb. U kelma issa taraha liebsa din il-libsa u mbagħad taraha liebsa libsa oħra, bħal xbejba fiergħa li tbiddel lbiesha kull xħin jobormilha moħħha.

Fost il-kliem ta' ħafna lbies insemmu l-kelma *triq* jew *trieq*. Twieldet b'erba' ittri *triq*, u bihom kienet tidher fl-ewwel żmenijiet. Hekk dejjem kitibha Mikielanton Vassalli fid-Dizzjunarju (1796) u fiż-żewġ Grammatki (1791, 1827). Iżda billi l-vokali *i*, qabel il-konsonanti *q*, għandha leħen ftit miftuħ li jaħbat jersaq kemm kemm lejn il-vokali *e*, xi ħadd dehirlu li l-vokali *i* għandha tinkiteb *ie*, u hekk il-kelma *triq* biddlet il-libsa u bdiet tinkiteb *trieq*. Hekk kitibha F. Vella fil-Grammatka (1831) u id-Dizzjunarju (1843). Mhux kullħadd għoġbitu din it-tibdila, u l-Kan. F. Panzavecchia, li kien jaf min huma nies il-kelma u għalhekk seta' jgħid liema libsa l-aktar tixirqilha, reġa' neżżgħalha ż-żjieda ta' *e*, u fil-Grammatka tiegħu (1845) beda jiktiibha *triq*. Falzon fid-Dizzjunarju (1845) baqa' bejn ħaltejn liema jagħżel, ġiebhom it-tnejn; iżda, milli jidher, aktar għoġbitu *triq*, għax it-tifsir jagħtih lil din, u fejn kiteb *trieq* bagħatna għand *triq*.

Din il-libsa ġdida ta' *trieq* aktar ingħoġbot. Tul ħamsin sena ma tbiddlet qatt. Hekk kitbuha : R. Taylor fis-*Salmi* (1847), *il-Għaqda l-Ġdida* (1847), L. Mifsud Tommasi fl-*Inni* (1853), Ġ. A. Vassallo fil-*Ħajja ta' S. Pawl* (1858), il-*Ward u Żahar* (1865-1870), *Is-Sebħ* (1884-1886), A. E. Caruana f'*Ines Farruġ* (1889), Ġ. Vassallo fl-*Irsir tax-Xwieni* (1892), A. E. Caruana fid-Dizzjunarju (1903), u oħrajn.

Fis-sena 1903 Ġ Vassallo fl-*Imblokk il-Kbir ta' Malta* reġa' ħareġ il-libsa qadima *triq*, imma kittieba oħra baqgħu jiktbu *trieq*.

Fis-sena 1920 twaqqfet Qorti biex tifli l-kitba tal-Malti. Il-kliem kollu kellu jersaq quddiem l-imħallfin. Il-kelma *trieq* kienet fost il-ħafjin, u fis-sena 1924 inqrat lilha u lil kliem ieħor tal-għamla tagħha din is-sentenza:

"Il-vokali *i* mkarkra, qabel il-konsonanti *h*, *ħ*, *għ* u *q* ta' tarf il-kelma, tistama' bħal *ie*: imma għandha tinkiteb *i*." (*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, faċċ. 25).

Din is-sentenza kienet imwettqa minn sentenzi oħra. F. S. Caruana, Reġistratur ta' din il-Qorti tal-Kitba, fis-sena 1925 (*Il-Malti*, Diċ. faċċ. 116) u fis-sena 1932 (*Grammatka u Ortografija tal-Malti fil-qosor*, faċċ. 20) reġa' fakkarna li għandna niktbu *triq* u mhux *trieq*. U jtenni l-istess sentenza Ġ. Vassallo, wieħed mill-imħallfin, fis-sena 1928 (*L'Ortografia Maltese*, paġ. 37 u 58).

Iżda ħaġa tal-għaġeb! B'dawn is-sentenzi kollha ma' saqajha, l-kelma *triq* kellha l-wiċċ terġa' toħroġ bil-libsa mneħħija *trieq* u minn fuq tintasablek fi rjus it-toroq fil-għoli fejn jaraha kullħadd, tidħak u tiddieħak b'kull min igħaddi. Fis-sena 1928 meta bdew jitbiddlu l-ismijiet tat-toroq, STRADA saret TRIEK (dak iż-żmien il-*q* ma kenitx għadha magħrufa mill-Gvern), fil-Gazetta tal-Gvern bdiet tinkiteb ukoll bil-vokali *ie*, u b'hekk il-kitba *trieq* bir-riħ tal-Gvern fil-qala', iddeffset saħansitra fil-kotba tat-tagħlim.

Xi ħadd beda jitfantas b'dan it-taqlib. Min kien jikteb *triq* baqa' jikteb *triq*, u min beda jikteb *trieq* ma riedx jikteb *triq*. Iż-żgħażagħ jistaqsu: "Kif għandna niktbu?" P. P. Saydon ħabat ilaqlaq xi kelma biex ireġġa' l-kitba skond is-sentenza tal-1924 (*Leħen il-Malti*, Mejju — Ġunju 1935), imma baqa' f'wiċċu. Għalhekk il-kittieba huma mifrudin skond il-fehmiet tagħhom. U issa x'nagħmlu? Kullħadd rajh t'idejh. Ngħid għalija, nikteb *trieq* fil-kotba tal-iskejjel, biex ma jkunx hemm taħwid bejn ktieb u ieħor, u nikteb *triq* f'kitba oħra li mhix għall-iskejjel. *Triq* hija aħjar minn *trieq*; iżda *trieq* laħqet indrât, imħabba l-ismijiet tal-*istradi*, u t-tibdil jista' jġib xi tfixkil. *Trieq*, bħal *Żurrieq*, għandha magħha d-drawwa li ma għandux kliem ieħor ta' għamla waħda.

S.